MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-13 ta' Awwissu, 2009

Rikors Ta Revoka Numru. 255/2006

Angela **BUSUTTIL NAUDI**

vs

Stephen **BUSUTTIL NAUDI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-2 ta’ Awissu, 2006, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrenti Stephen Busuttil Naudi (aktar ’il quddiem imsejjaħ “l-eżekutat”) talab li din il-Qorti tħassar il-Mandat kawtelatorju ta’ Sekwestru maħruġ kontrih minn martu l-intimata eżekutanti (aktar ’il quddiem imsejħa “l-eżekutanti”) fl-24 ta’ Lulju, 2002, għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(ċ), (d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta’ Awissu, 2006, li bih ordnat in-notifika lill-intimata eżekutanti u appuntat ir-Rikors għas-smigħ tat-8 ta’ Awissu, 2006;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimata eżekutanti fil-11 ta’ Awissu, 2006, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet għat-talbiet tal-eżekutat billi qalet li ma jeżistux ir-rekwiżiti biex tintlaqa’ t-talba tal-eżekutat.  Qalet ukoll li din m’hijiex l-ewwel talba ta’ din l-għamla li ressaq l-eżekutat dwar l-istess Mandat u din il-Qorti (diversament presjeduta) diġa’ ċaħdet tali talba;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti tal-Mandat kawtelatorju li għalih jirreferi r-Rikors tal-lum;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta’ Awissu, 2006, li bih ħalliet il-każ għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrent irid li jitneħħew l-effetti ta' Mandat kawtelatorju ta' Sekwestru maħruġ kontrih mill-eżekutanti fl-24 ta' Lulju, 2002;

Illi r-raġunijiet imressqin mir-rikorrent huma li (i) hemm garanzija oħra xierqa biex tagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-eżekutanti, (ii) li l-ammont mitlub m'huwiex *prima facie* mistħoqq jew huwa saħansitra eċċessiv u (iii) fiċ-ċirkostanzi, m'huwiex raġonevoli li l-Mandat jibqa' fis-seħħ;

Illi, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet[1]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat;

Illi l-Qorti issa sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ u dan skond il-kawżali speċifiċi tal-liġi li fuqhom ir-rikorrent isejjes it-talbiet tiegħu. Qabel xejn, għandu jingħad li dak li din il-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-

[1] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***

rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[2];

Illi, madankollu, hemm ċirkostanza partikolari li din il-Qorti ma tistax twarrab minn quddiemha, u jiġifieri li dan m'huwiex l-ewwel tentativ ġudizzjarju li l-eżekutat qiegħed jagħmel biex iwaqqa' l-effetti tal-istess Mandat. Kemm hu hekk, b'degriet mirqum mogħti fid-9 ta' Ġunju, 2003[3], u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-Qorti kienet ċaħdet it-talbiet tal-eżekutat għat-tħassir tal-mandat u fuq l-istess kawżali li jsemmi fir-rikors tal-lum;

Illi fit-trattazzjoni tar-rikors, l-għaref difensur tal-eżekutat qalet li minkejja li dan hu l-każ, madankollu, r-raġuni li wasslet lill-klijent tagħha biex jerġa' jressaq talba oħra għat-tħassir tal-Mandat tnisslet mill-fatt li kien hemm bidla fiċ-ċirkostanzi minn dak inhar li kien ingħata l-imsemmi provvediment. Skond l-eżekutat, dan il-bdil inħalaq minħabba li f'Lulju tal-2006, wieħed mill-banek sekwestratarji (HSBC Bank Malta p.l.c.) bagħat jinterpellah biex iħallas bilanċ mill-kont bankarju[4]. Din it-talba kienet segwita minn ittra oħra[5] li tirreferi speċifikatament għall-Mandat in eżami u li kienet tgħid li kull faċilita' bankarja oħra pendenti li huwa kellu mal-istess Bank sekwestratarju kienet sejra tintefa' mal-faċilita' bankarja li kien ġie interpellat dwarha x-xahar ta' qabel;

Illi r-rikorrent isemmi tliet kawżali li dwarhom jistenna li t-talbiet tiegħu jiġu meqjusa, imma l-Qorti ma tarax kif biċ-ċirkostanza msemmija mill-eżekutat, jista' jingħad li din ġabet bidliet fir-rigward tagħhom it-tlieta. Fil-fehma meqjusa

---

[2] Kumm GMA **23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et vs Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)
[3] Dok "ABN", f'paġġ. 45 sa 72 tal-atti
[4] Dok "X3", f'paġ. 38 tal-atti
[5] Dok "SBN" (datata 8.8.2006, u jiġifieri wara li kien tressaq ir-rikors) f'paġ. 44 tal-atti

tagħha l-Qorti tqis li huwa biss taħt il-kawżali maħsuba fl-artikolu 836(1)(f) li t-talba tar-rikorrent trid tkun mistħarrġa:

A) <u>Jintwera li fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli</u> [Art. 836(1)(f)]. Din id-dispożizzjoni timplika li, **wara l-ħruġ tal-Mandat,** tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ[6]. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ;

Illi madankollu, taħt din id-dispożizzjoni wkoll, jidher li l-bdil li għalih japplika dak is-subinċiż irid ikun wieħed li jolqot iċ-ċirkostanzi ta' bejn il-partijiet. Jekk isseħħ ċirkostanza bejn xi waħda mill-partijiet u terzi, l-effetti tal-Mandat m'għandhomx jolqtu lill-parti l-oħra, l-iżjed jekk din tkun il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-Mandat b'ħarsien ta' jedd pretiż. F'dan il-każ jidher ċar li ċ-ċirkostanza l-ġdida li mbuttat lill-eżekutat biex iressaq dan ir-rikors kienet waħda li qanqal wieħed mis-sekwestratarji tal-istess Mandat u mhux qabel erba' snin mill-ħruġ tal-istess. Fil-fehma tal-Qorti, din iċ-ċirkostanza ma setgħetx ma kinitx magħrufa mill-istess sekwestratarji li laqgħu n-notifika tal-Mandat l-għada li nħareġ. X'wassal lil tali sekwestratarju biex, wara erba' snin, jirreferi għall-Mandat bħala raġuni għaliex bidel l-imġiba tiegħu mal-klijent (l-eżekuta) ma hux magħruf, u lanqas, f'dan l-istadju, huwa wisq rilevanti. Jibqa' l-fatt li l-eżekutanti ma kisbet xejn għall-ħarsien tal-jedd tagħha b'dan l-iżvilupp;

Illi, naturalment, il-Mandat taħt eżami weġġa' lir-rikorrent, l-iżjed fejn jirrigwarda l-attivita' kummerċjali tiegħu. Il-Qorti ma kenitx tistenna li jitressaq ir-rikors promotur kieku dan ma

[6] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et***

kienx il-każ. Imma dan il-fatt, waħdu, m'huwiex raġuni biex il-Mandat jitneħħa. Il-bilanċ li l-Qorti trid tilħaq bejn il-jeddijiet tal-pretendent u tal-parti li kontra tagħha ssir il-pretensjoni, jrid jiġi meqjus fid-dawl li l-Mandat kawtelatorju huwa, min-natura tiegħu, protezzjoni bikrija maħsuba mil-liġi sakemm il-kwesjoni tiġi mistħarrġa kif imiss fil-mertu. Ma jrid jintesa qatt li l-għan tal-Mandat kawtelatorju huwa dak li "jiffriża" l-qagħda sakemm il-kwestjoni tiġi mistħarrġa kif għandu jkun fil-mertu;

Illi f'dan il-kuntest biżżejjed jingħad li jekk, 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-eżekutanti m'għandhiex jedd għall-ħlas minnha pretiż, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ[7]. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet tal-intimat eżekutat;

Illi l-Qorti ma ssibx li r-rikorrent seħħlu jagħti raġuni tajba għaliex il-Mandat għandu jitħassar fuq din il-kawżali;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tar-rikorrent Stephen Busuttil Naudi billi:

**Tiċħad it-talba tiegħu** bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

[7] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------